26 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Filippo Debono *versus* Nazzareno Buttigieg**

**Ġlieda — Danni — Provokazzjoni — Rinunzja — Likwidazzjoni.**

*Id-danni sofferti fi ġlieda għandu jirrispondi għalihom min kien il-provokatur tal-ġlieda.*

*Min sofra dawk id-danni ma jistax jingħad li rrinunzja għalihom billi jkun uża xi kliem, wara l-ġlieda, li donnhom juru li huwa ma jrid xejn mill-parti l-oħra; għax ir-rinunzja trid tkun ċara u espliċita, b'mod li jekk il-kliem użat ikun ekwivoku, ir-rinunzja għandha tiġi eskluża.*

*Hu prinċipju rikonoxxut fid-Dritt, li min isofri ħsara għandu jagħmel dak li jista' biex inaqqas u jirriduċi dik il-ħsara.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur, fejn, wara li ppremetta illi fl-14 ta' Mejju 1951, il-konvenut assalta u ħebb għall-attur u kkaġunalu ferita ta' natura gravi skond kif iċ-ċertifika t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit; peress li minħabba dina l-ferita gravi, hekk kaġunata mill-konvenut, l-attur sofra danni rilevanti, konsistenti f'telfien ta' xogħol, spejjeż relativi għall-kura, u danni oħra li jiġu rilevati fit-trattazzjoni tal-kawża; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, u speċjalment dik li l-konvenut huwa responsabili għad-danni kollha li sofra l-attur kif imsemmi fuq, u mogħti kull provvediment opportun, talab li l-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti jħallas lill-attur, bħala riżarċiment ta' l-istess danni, dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Rigward ir-responsabilità tad-danni, il-Qorti taqbel mal-perit legali li kien il-konvenut, bl-atteġġjament tiegħu insolenti u aggressiv, li pprovoka l-ġlieda li fiha l-attur sofra l-leżjoni u l-ħsara lamentati. Irriżulta infatti li kien il-konvenut li mar isib lill-attur, li ripetutament għajru li ma kienx raġel, u resaq lejh iżżejjed b'atteġġjament minaċċjuż. Jekk l-attur, biex jevita minnu, imbuttah u waqa', dana l-fatt ma

hux biżżejjed biex jirriversa r-responsabilità ta' dak li ġara fuq l-attur; għaliex ladarba kien il-konvenut il-provokatur, il-konvenut biss għandu jbati l-konsegwenzi, in forza tal-prinċipju li "qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnum sentire". Rigward l-iżvolġiment tal-fatti, imbagħad, il-Qorti temmen iżjed il-verżjoni ta' l-attur, li hija aktar verosimili u naturali, u tinsab sostnuta anki mill-provi............;

Stabbilita b'dan il-mod ir-responsabilità tal-konvenut, il-Qorti sejra teżamina l-kwistjoni (mhux formalment sollevata) ta' possibili rinunzja da parti ta' l-attur għar-rifużjoni tad-danni minnu sofferti. *Huwa veru li immedjatament wara l-każ il-konvenut dar fuq l-attur u qallu:— "Issa bħal kieku ma kien xejn"; u li l-attur irrispondih:— "Issa hekk ġiet, mi tet".* Iżda dawn il-kliem mhumiex biżżejjed biex tinħoloq rinunzja ta' drittijiet, li għandha tkun ċara u espliċita, b'mod li jekk il-kliem użat ikun ekwivoku, ir-rinunzja għandha tiġi eskluża *(Kollez. XXVIII—I—773). Issa, il-kliem* fuq riportat jista' jfisser li l-kontendenti kienu sejrin jibqgħu, kif effettivament baqgħu, ħbieb bħal qabel; iżda ma jfisserx rinunzja għar-rifużjoni tad-danni, li dak il-ħin l-attur ma kienx għadu jaf, u ma setax ikun jaf, x'kienu u x'sejrin ikunu. Del resto, mill-atteġġjament tal-konvenut f'dina l-kawża ma jidhirx li hu jippretendi li kien hemm dina *r-rinunzja.* Difatti hu la qanqalha bħala eċċezzjoni, u lanqas semmiha bħala fatt fid-dikjarazzjoni, fejn qal li d-danni (pretiżi mill-attur) kienu tant eżaġerati li hu ma setax jikkunsidrahom;

Dejjem in konnessjoni mar-responsabilità, il-konvenut oppona li l-attur ma sofriex sfreġju u debilitazzjoni permanenti *f'wiċċu, u dan għaliex il-Professur Hyzler*................ Imbagħad dina l-kwistjoni kien ikollha importanza kieku l-attur talab rifużjoni ta' danni konsistenti fit-telf ta' qliegħ eventwali minħabba xi inkapaċità derivanti mill-offiża għall-finijiet ta' l-art. 1088 (Kodiċi Ċivili); iżda d-danni minnu reklamati huma dawk biss elenkati fid-dikjarazzjoni tiegħu, u dawk biss lilu rikonoxxuti mill-perizja ġudizzjarja, li għaliha l-attur irrimetta ruħu;

Rigward il-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti ma taqbelx mal-periti legali fuq żewġ partiti..............;

Kwantu għall-ewwel partita, relattiva għall-manteniment ta' l-attur fid-dar ta' Antonia Spiteri, il-Qorti tosserva li veru li t-tabib kien ordna lill-attur irpos minnabba l-perikolu li kien fih, iżda huwa veru wkoll li l-attur, xi ħamest ijiem wara l-każ, u preċiżament fid-19 ta' Mejju 1951, kien mar għand ir-radjologu, barra mir-Raħal, u li t-Tlieta tal-ġimgħa ta' wara l-każ (jiġifieri fit-22 ta' dak ix-xahar) ix-xhud Lorenzo Piscopo ra lill-attur għand il-barbier. Minn dana jidher li l-attur ma kienx fi stat tali li kien obligat ma jiċċaqlaqx mid-dar ta' Antonia Spiteri, u seta' għalhekk jirritorna ġo daru. Issa, hu prinċipju rikonoxxut fid-dritt li min isofri ħsara għandu jagħmel *dak li jista' biex inaqqas u jirriduċi dina l-ħsara. Igħid* Halsbury :— "A person injured by a tortous act is both entitled for his own benefit and under a duty to any person liable for the injury to take any reasonable step available to him for the purpose of minimising the resulting damage" (Laws of England, Vol. XXXII, no. 285, Hailsham Edition) ; liema prinċipju ġie applikat f'każ ta' assikurazzjoni, fis-sens li "although the provision in the suing and labouring clause is of a permissive character, it is nevertheless the duty of the assured and his agents, in all cases, to take such measures as may be reasonable for the purpose of averting or minimising a loss" (op. ċit., Vol. XVIII, §471) ; kif ukoll f'materja ta' vendita :— "In all cases of a breach of contract by either the seller or the buyer, the party not in default is bound in all cases to take any reasonable steps which are open to him to reduce his loss" (op. ċit., Vol. X, no. 160). L-istess prinċipju jinsab rikonoxxut mil-liġi Taljana (art. 608 Kodiċi Ċivili), kif ukoll mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati (Kollez. XX—I—41) ;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' £4. 10. 0 likwidat mill-perit għandu jiġi ridott, kif il-Qorti tirriduċih, "arbitrio boni viri", għas-somma ta' £2 ;

Kwantu għat-tieni partita, dik relattiva għall-valur ta' qalziet ta' l-attur, fil-fehma tal-Qorti.................. ;

B'dan il-mod, l-ammont tad-danni likwidat mill-perit, ta' £37, għandu jiġi ridott għal £33 ;

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, previa adozzjoni* tal-perizja ġudizzjarja kif fuq modifikata, tiddeċidi billi takkolji

*d-domandi* ta' l-attur, u tikkundannua lill-konvenut iħallsu s-somma ta' £33 a saldu tad-danni minnu reklamati; bl-ispejjeż.